MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 12/2007

Il-Pulizija
(Spt. M. Spiteri)
Vs
Martin Degabriele

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-11 ta’ Mejju, 2006, bi ksur tal-artikolu (recte: Regolament) 5(4) tal-Avviz Legali 129/2002 u bi ksur tal-artikoli 34(b) tal-att dwar is-Servizzi tal-Ivjaggar u tat-Turizmu ghall-Malta, 1999 (Kap. 409), organizza (gita organizzata) “The Three Historical Cities” li ma kienitx provduta b’servizz ta’ gwida ghat-turisti li jkollha licenzja ghal dik il-gita.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Jannar, 2007, li biha, wara li semghet il-provi ddecidiet li l-akkuza ma gietx pruvata w ghaldaqstant ma sabitx lill-appellat hati tal-

akkuza migjuba kontra tieghu w ghalhekk illiberatu mill-istess akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-26 ta' Jannar, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w minflok, wara li tisma' l-provi tal-prosekuzzjoni, ssib lill-appellat hati tal-akkuza migjuba kontrih u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa, fil-qosor, is-segwenti :- li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni peress li hu inkoncepibbli kif l-appellat seta' jigi liberat fid-dawl tal-provi. Daniela Magri w Noel Agius kienu marru ghal din il-gita illegali fejn kien qed isuq u jispjega Charles Lebrun li kkonferma li ma kien hemm ebda gwida licenzjat. Josephine Doneo irriteniet illi l-gita giet organizzata ghan-nom tas-socjeta' Oasis Travel and Tourism mill-appellat. Ghalhekk fid-dawl ta' dawk il-provi kellha tinstab htija tar-reat addebitat kontra l-appellat kif kontemplat kemm fl-art. 34(b) ta' –Att Dwar is-Servizzi ta' l-Ivvjaggar tat-Turizmu ghal Malta, kif ukoll fir-regolament 5(4) tar-Regolamenti dwar l-Operaturi ta' l-Ivvjaggar u l-Operaturi ta' Giti Turistici (Avviz Legali 129 ta' l-2002, L.S. 409.09.)

Rat illi l-appellat, debitament notifikat bir-rikors ta' l-appell u l-avviz ghas-smiegh tieghu, imsejjah diversi drabi, ma deherx u ghalhekk il-Qorti ipprocediet biex tisma' l-appell a tenur tal-art. 422 (2) tal-Kodici Kriminali;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet mill-gdid ix-xiehda ta' Noel Agius, Daniela Magro, Josephine Doneo u Dr.Michael Camilleri LL.D. fil-kors tal-udjenza tat-22 ta' Frar, 2007.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell huwa impernjat fuq l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti. Peress li l-provi ma kienux traskritti, din il-Qorti semghet ix-xhieda mill-gdid u dawn jistghu jigi ri-assunti kif gej:-

**NOEL AGIUS** xehed li hu Regulatory Officer fl-Enforecement Section tal-MaltaTourism Authority.Hu u Daniela Magro kienu bbukkjaw "*organised tour*" minnghand l-Oasis Travel and Tourism kif jidher mill-biljett (Dokument 2 a fol. 3 tal-process) . Fuq il-mini bus kienu sittax il-ruh, erbaghtax il-turist u huma t-tnejn, b' kollox sittax. Dat-tour kien tat-Three Cities. Kien hemm biss id-driver tal-mini bus, Charles Lebrun, li beda jdawwarhom u jispjega bl-ingliz u jaghti informazzjoni tajba. Meta urewh min kienu, id-driver stqarr li huma kienx *licensed guide* u li hu kien jaf izda hu familja ghandu w jekk iqabbduh l-employers tieghu tal-Oasis, hu kien jaghmel dak li jghidulu. Il-biljett kienu xtrawh minnghand Josephine Doneo minn branch tal-Oasis Travel andTourism. Meta jkun hemm aktar minn hamsa minn-nies, tour irid ikollu *licensed guide*. Meta hu kien iccejkkja mar-records kien irrizultalu li Lebrun ma kienx jidher registrat bhala *licensed guide*.

**DANIELA MAGRO** xehdet li hi Regulatory Officer mall-Malta Tourism Authority. Kien inxtara biljett ta' *organised tour* mill-hanut ta' San Giljan u kienu marru fuq dat-tour hi w x-xhud precedenti Agius. Fuq il-mini bius kien hemm id-driver certu Charles Lebrun, li beda jispjega bl-Ingliz dwar Malta. Meta waslu fit-Three Cities, huma kienu qalulu min kienu u dan ammetta li ma kellux licenzja ta' gwida. Qal ukoll li hu kien impjegat tal-OasisTravel and Tourism.

**JOSEPHINE DONEO** xehdet li hi tahdem f' agenzija Cooper u jbieghu excursions bil-gwida w bla gwida, fejn id-driver jispjegalhom umbaghad ihallihom ghal rashom lill-klienti. Safejn taf hi Lebrun m' ghandux licenzja ta' gwida.

**DR. MICHAEL CAMILLERI LL.D**. xehed li hu jirraprezenta lill-Awtorita' Maltija tat-Turizmu fil-qrati. Qal li Martin Degabriele, l-appellat hu licenzjat mall-Awtorita' tat-Turismu ta' Malta bhala Organised Excursion Operator that l-isem ta' Oasis Travel and Tourism. Charles Lebrun ma jirrizultax li ghandu licenzja ta' gwida turistika.

L-appellat ma xehedx.

Ikkonsidrat;

Illi l-artikolu 34(b) tal-Kap 409 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li Operatur ta' giti turistici m' ghandu jipprovdi ebda servizz, (b) kemm il-darba ma jigix provvdut s-servizz ta' gwida tat-turisti ghal xi gita bhal dik.

Ir-Regolament 5(4) tar-Regolamenti tal-2002 (A.L. 129 tal-2002) ukoll jiddisponi li ebda operatur ta' gita organizzata jew xi persuna ohra ma ghandu jorganizza gita jekk ma jigux provvduti s-servizzi ta' gwida tat-turisti licenzjat ghal dik il-gita.

Illi "gita organizzata" skond l-art. 2 tal-Kap.409, tfisser kull gita organizzata jew *tour* <u>ghall-hames jew aktar turisti  jew persuni ohra</u> lejn wiehed jew aktar postijiet fi jew madwar Malta jew trasport fuq l-art, bil-bahar jew bl-ajru , izda ma tinkludix servizz li jkun unikament intiz biex jipprovdi trasport; u "operatur ta' giti organizzati" ghandha tiftiehem bl-istess mod. (sottolinear ta' din il-Qorti)

Umbaghad skond l-artikolu 43 (b) tal-istess Att Dwar Servizzi ta' l-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta, kull min, waqt li jkun fil-pussess ta' licenzja valida, jonqos li jhares xi wahda mid-dispozizzjoinijiet applikabbli ta' dak l-Att, jew xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha tkun soggetta l-licenzja, ikun hati ta' reat u ghandu, meta jinstab hati, jehel multa ta' mhux anqas minn hames mitt lira w mhux aktar minn ghaxart elef lira u , jekk jibqa' ghaddej bir-reat ghal aktar minn tlitt xhur, ikun soggett ukoll ghal prigunerija ghal zmien ta' mhux anqas minn tlitt xhur u mhux aktar minn tlitt snin.

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi fuq riprodotti u li mhumiex kontradetti jew kontrastati minn xi prova kuntrarja, jidher assodat li l-appellat, ghan-nom tad-ditta Oasis Travel and Tourism, hu licenzjat bhala Organised Excursion Operator. Bhala tali, fil-11 ta’Mejju, 2006, organizza w biegh tour organizzat ghall-aktar minn hames persuni fejn ma kienx hemm provvdut is-servizz ta’ gwida tat-turisti. Minnflok, inqeda’ bis-servizz tad-*driver* impjegat mieghu Charles Lebrun biex dan jaghmel ir-rwol doppju ta’ xufier u gwida. Lanqas ma kien il-kaz li dan it-tour kien intiz biex jipprovdi biss trasport lejn it-tlitt ibliet ghaliex fit-triq Lebrun beda jispjega bl-Ingliz u jaghti informazzjoni fuq Malta bhal gwida turistiku.

Dan mhux permess mill-ligi w ghalhekk l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellat hija ampjament pruvata w l-aggravju tal-Avukat Generali huwa ben fondat.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali w tirrevoka s-sentenza appellata w minnflok, wara li rat l-artikoli 34(b) u 43(b) tal-Kap. 409 u r-Regolament 5 (4) tal-Avviz Legali 129 tas-sena, 2002, issib lill-appellat hati tal-istess imputazzjoni dedotta kontra tieghu w tikkunndannah ghal multa ta’ hames mitt lira Maltin (LM500).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------